**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA30.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Frar 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi *Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru u s-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-17 ta' Frar 2014.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Estimi Annwali 2014.
3. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
4. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
6. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.
7. Attivitajiet Sajf 2014.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-membri.
10. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA29.

**2.00 Estimi Annwali 2014.**

2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2014. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2014 għall-Kunsill tal-Munxar u Kumitat Amministrattiv ser tkun €209,292 li minnhom hemm €88,634 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1,500 li minnhom hemm €600 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm ukoll €2,200 mill-kera tal-*kiosk*. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €70,978 li minnhom hemm €31,099 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €136,835 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €59,233 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**3.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

3.01 Il-Kumitat iddeċieda li dan il-passaġġ isir kollu. Bħalissa se jinbeda xogħol b'ammont ta' €30,000 - €10,000 minn fondi tal-Unjoni Ewropea u €20,000 mill-iskema tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Fondi tal-Kumitati.
Għall-bqija tax-xogħol se tinħareġ sejħa għall-offerti u l-Kumitat se japplika għall-fondi tal-UIF.

**4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

4.01 Il-Kumitat talab lill-MEPA sabiex tagħti l-livelli ta' Triq ir-Rumani. Ix-xogħol fi Triq il-Kavallieri huwa wieqaf peress li jrid isir *main* tad-drenaġġ ġdid.

**5.00 Xogħlijiet ta' tisbiħ fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.**

5.01 Bħalissa x-xogħol wasal f'nofs il-bankina u l-Kuntrattur talab lill-Kumitat jagħżel id-disinn tal-i*stencil* u l-kulur. Instab li parti mill-ħajt tista' ċċedi u l-Kuntrattur talab lill-Kumitat jistax jirranġa dan il-ħajt. Il-perit ġie fil-post u talab lill-Kuntrattur jagħti stima ta' kemm ser jiswa x-xogħol.

**6.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.**

6.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), se ssir laqgħa pubblika annwali nhar it-Tnejn, l-10 ta' Marzu 2014.

- Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fis-6.00pm fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali huma mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kumitat matul l-2013. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**7.00 Attivitajiet Sajf 2014.**

7.01 Bħas-snin l-imgħoddija l-Kumitat applika minn skema ta' għajnuna finanzjarja dwar inizjattivi ta' attivitajiet għal matul is-sajf 2014, fix-Xlendi. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kkonferma li se jingħata s-somma ta' €1,500 għal Kalendarju ta' Attivitajiet. Dawn l-attivitajiet se jikkonsistu fi fjakkolati, wiri ta' *films* u *water fun park*. Iċ-*Chairperson* se jaħdem fuq il-programm u jiġi ffinalizzat fil-laqgħa li jmiss.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' *block flats* fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Dan qed jilmenta dwar erba' permessi PA0831/04; PA2618/07; PA2738/10 u PA3140/13. Huwa qed jilmenta dwar il-linja tal-bini ta' dan l-iżvilupp u dwar l-għoli peress li dawn ser ikunu differenti minn dak tal-binja tiegħu. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lill-MEPA.

**9.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

9.01 Is-Sur Godwin Azzopardi informa lill-Kumitat li persuna li toqgħod f'numru 1, Triq il-Qsajjem qed titlob sabiex issir bankina quddiem il-proprjetà tagħha. Kien hemm qbil dwar dan.

9.02 Is-Sur Godwin Azzopardi qed jipproponi li għal dik l-iskema li qed iniedi s-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, il-Kumitat jiċċekkja dwar din l-iskema u jekk huwiex possibbli li jsir *lift* mit-triq għall-Knisja tax-Xlendi.

9.03 Is-Sur Godwin Azzopardi qal li kien hemm palma fil-*Parking* tax-Xlendi li nqalet minn postha. Is-Sindku informa lill-Kumitat li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu kemm informa lill-Kumitat li l-*Parking* jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat u l-Uffiċjal Inkarigat mill-Agrikultura qed jitlob sabiex isir rapport lill-Pulizija dwar il-qtugħ ta' din il-palma.

9.04 Is-Sindku qed jissuġġerixxi li ssir laqgħa ma' kull min huwa kkonċernat, Ministeru għal Għawdex, *Lands*, *Fisheries* u MEPA dwar it-tined u mwejjed li qed jitpoġġew fil-passaġġi. Kien hemm qbil dwar dan.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.15 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***